MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tal-5 ta' Frar, 2007

Avviz Numru. 89/2006

**Charles Vella Zarb Nutar Pubbliku I. D. 239983(M)**

**vs**

**Henry Xuereb f'ismu propju w ghan-nom ta' HIX Limited**

**I**l-Qorti,

Wara li rat it-talba ta' l-attur ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma komplessiva ta' elfejn, disa' mija u hamsa u disghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm2,995.50) minnu dovuti bhala taxxa skond l-Att XVIII ta' l-1993 u spejjez ohra relattivi fil-kuntratt ta' kompravendita' lil Alfred Theuma fl-atti ta' l-attur tas-17 ta' Frar 2005, kif minnu ppubblikat.

Bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja tat-12 ta' Ottubru 2005, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet ta' l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fit-23 ta' Jannar 2007, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------